# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/2275

## tas-7 ta' Diċembru 2015

## li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Gholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Lulju 2012 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/389/PESK ([1]) dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR).

(2) Fit-22 ta' Lulju 2014 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/485/PESK ([2]) li estendiet l-EUCAP NESTOR sat-12 ta' Diċembru 2016.

(3) Fis-6 ta' Ottubru 2015 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1793 ([3]) li estendiet il-perijodu kopert mill-ammont ta' referenza finanzjarja sal-15 ta' Diċembru 2015.

(4) Jinħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/389/PESK tiġi emendata biex tipprovdi għal ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu mis-16 ta' Diċembru 2015 sat-12 ta' Diċembru 2016,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 13(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP NESTOR għall-perijodu mis-16 ta' Lulju 2012 sal-15 ta' Novembru 2013 għandu jkun ta' EUR 22 880 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP NESTOR għall-perijodu mis-16 ta' Novembru 2013 sal-15 ta' Ottubru 2014 għandu jkun ta' EUR 11 950 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP NESTOR għall-perijodu mis-16 ta' Ottubru 2014 sal-15 ta' Diċembru 2015 għandu jkun ta' EUR 17 900 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP NESTOR għall-perijodu mis-16 ta' Diċembru 2015 sat-12 ta' Diċembru 2016 għandu jkun ta' EUR 12 000 000."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CAHEN

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 187 17.7.2012, p. 40).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/485/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 39).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1793 tas-6 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal- Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 30).